

Brussell, 22 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9356/17

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0288 (COD)
2016/0286 (COD)

TELECOM 130
COMPET 421
MI 433
CONSOM 222
CODEC 842

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12252/1/16 TELECOM 165 COMPET 486 MI 578 CONSOM 215 IA 72 CODEC 1269 REV 1 12257/16 TELECOM 166 COMPET 489 MI 579 CONSOM 216 IA 73 CODEC 1273
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Riformulazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Fil-Kunsill TTE tat-2 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri kienu virtwalment unanimi li jilqgħu l-objettivi ambizzjużi ta' konnettività identifikati mill-Kummissjoni (inkluż għall-5G) u fir-rikonoxximent tal-importanza ta' konnettività diġitali b'veloċità għolja għall-progress ekonomiku u soċjali fl-Ewropa. Ħafna rrikonoxxew ukoll il-ħtieġa ta' inċentivi akbar għal investiment f'infrastruttura diġitali b'kapaċità għolja ħafna, u enfasizzaw l-importanza tal-kompetizzjoni bħala mezz primarju biex jitwasslu l-benefiċċji tal-utenti aħħarin.

L-istadji ta' żvilupp tal-infrastrutturi ta' konnettività fissa u ta' mingħajr fili fl-Istati Membri u fir-reġjuni differenti tagħhom, huma pjuttost differenti. Uħud huma mexxejja globali, b'teħid sinifikanti tas-servizzi u użu intensiv mill-utenti aħħarin tan-netwerks avvanzati, filwaqt li oħrajn fadlilhom ħafna x'jagħmlu biex ilaħħqu magħhom, u qed jagħmlu dan b'ritmi pjuttost differenti. Broadband Fiss ta' Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss huwa disponibbli għal 76 % tal-Ewropej, iżda dan in-numru jostor id-differenzi ewlenin fi ħdan l-UE fejn in-numru jvarja bejn 99 % għal 44 %. L-istess xejra tista' tiġi osservata għalt-teħid tas-servizzi fejn il-medja tal-UE ta' 27 % tgħatti varjazzjoni ta' bejn 67 % u 3 %. Il-kopertura 4G fl-aħħar laħqet is-96 % tal-Ewropej f'nofs l-2016, iżda dan il-livell intlaħaq wara triq twila: fl-aħħar tal-2014, il-kopertura kienet għadha 79 % (f'dak iż-żmien l-Istati Uniti kienu diġà laħqu kopertura ta' 98 %). Fl-2013, filwaqt li l-Istat Membru bl-aħjar prestazzjoni diġà kellu kopertura ta' 98 %, tliet Stati Membri ma kellhom ebda kopertura ta' 4G filwaqt li għaxra oħra kellhom kopertura ta' inqas minn 40 %. Meta wieħed iqis li l-ewwel irkantijiet tat-800 MhZ fl-UE saru saħansitra fl-2010, domna aktar minn sitt snin biex ilħaqna kopertura kważi universali tal-UE. M'għandux jiġri l-istess għall-5G jekk nixtiequ li l-UE tkun post attraenti u fertili għall-innovazzjoni u t-tkabbir.

Filwaqt li speċifitàjiet nazzjonali jew lokali jistgħu jispjegaw parti kbira minn din il-varjazzjoni, id-differenzi fil-prattiki regolatorji jikkontribwixxu wkoll għal dawn id-differenzi. **Għaldaqstant jidher ċar li hemm skop biex jiġu replikati jew adattati xi fatturi regolatorji ta' suċċess. Hemm ukoll skop biex jiġu evitati Prattiki regolatorji li jistgħu jiskoraġġixxu t-titjib tan-netwerks eżistenti jew l-implimentazzjoni ta' oħrajn sostanzjalment ġodda,** kemm minn operaturi stabbiliti jew investituri alternattivi.

L-Istati Membri appoġġaw l-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni u r-rwol importanti tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet li s'issa appoġġaw il-progress fis-Suq Uniku Diġitali. Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2016, il-Kunsill Ewropew talab li jiġu kkoordinati aħjar il-modalitajiet tal-assenjament tal-ispettru sabiex ikun żgurat li l-Ewropa tkun fuq quddiem nett fl-implimentazzjoni tan-netwerks 5G.

Il-Kummissjoni, fil-proposta tagħha għar-riforma tar-regoli tat-telekomunikazzjoni, ressqet għadd ta' miżuri biex isaħħu l-investimenti kompetittivi kemm f'networks fissi kif ukoll dawk mingħajr fili. Il-proposta hija bbażata fuq l-idea li l-investimenti u l-kompetizzjoni jsiru dejjem aktar f'kondizzjonijiet lokali diversifikati, u li teħtieġ il-flessibbiltà biex jittieħed kont tal-ispeċifità jiet nazzjonali u, aktar minn hekk, ta' dawk lokali. Fl-istess waqt, targumenta li dan jeħtieġ li jkun ikkombinat ma' koordinazzjoni msaħħa fil-livell Ewropew sabiex tiġi żgurata t-trasparenza regulatorja, il-prevedibbiltà u b'hekk iċ-ċertezza tal-investituri – inkluż għal fornituri internazzjonali ta' kapital ta' investiment – fl-UE kollha. Dan jimplika li d-diskussjoni dwar il-qafas istituzzjonali ma tistax issir f'iżolament mill-għanijiet ġenerali tal-Kodiċi u mill-miżuri sostantivi proposti biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Sabiex tissaħħa il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew, il-Kummissjoni tipproponi li tirriforma l-istruttura istituzzjonali, inkluż billi temenda l-kompiti u l-istruttura organizzattiva tal-BEREC. Il-BEREC għandu l-vantaġġ li huwa magħmul minn awtoritajiet nazzjonali indipendenti u speċjalizzati, li huma familjari mas-swieq tagħhom u sensitivi għad-differenzi rilevanti ta' bejniethom, u għalhekk x'aktarx li jirreżistu ċentralizzazzjoni eċċessiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tkabbar ir-rwol tal-BEREC sabiex tkun tista' tiżgura li jiġu identifikati u applikati sistematikament tagħlimiet usa' Ewropej għall-kisba tal-objettiv kondiviż ta' konnettività mtejba.

Permezz tat-tisħiħ tal-infurzar tar-regoli applikabbli jiġi żgurat li l-aħjar Prattiki Ewropej jiġu kondiviżi u segwiti, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi lokali fl-Istati Membri kollha mingħajr dewmien bla bżonn. Madankollu, dan ikun jimplika regoli dettaljati u infurzabbli b'aktar faċilità. L-alternattiva hija li titħalla biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri biex isaħħu l-mekkaniżmu attwali ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE. Id-diskussjoni li għaddejja bħalissa fil-livell ta' ħidma diġà ssuġġeriet ħtieġa għal flessibbiltà fit-tfassil ta' regoli ewlenin u għalhekk kwistjoni importanti għall-Kunsill TTE hija f'liema oqsma u sa liema punt huwa meħtieġ it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni.

Għalhekk nixtiequ nistiednu lill-Ministri biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar dan ta' hawn fuq billi jiffokaw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Taqbel li ċ-ċertezza tal-investment fis-suq uniku teħtieġ qafas ċar u komprensiv ta' regoli u koordinazzjoni effikaċi rigward l-applikazzjoni tagħhom fil-prattika?**
- 2. Liema mekkaniżmu ta' koordinazzjoni jista' jipprovdi assigurazzjonijiet adegwati ta' prevedibbiltà għall-investituri u l-kompetituri billi jagħtihom il-fiduċja li l-aħjar prattiki ser jiġu kondiviżi u segwiti?**
